**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 6 ta' Frar, 2020**

Numru 14

**Rikors Guramentat Nru. 112/2017**

**Jonathan u Sally Rose konjugi Spiteri**
**f'isimhom proprju u bhala legittimi rapprezentanti**
**ta' binthom minuri Kimberly Spiteri u**
**b'nota tal-11 ta' April 2017 Kimberly Spiteri**
**assumiet l-atti f'isimha proprju billi saret maggorenni**

**vs**

**Reuben Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tas-7 ta' Frar 2017 li jghid hekk:

1. Illi fl-20 ta' Mejju 2013, waqt li Sally Rose Spiteri kienet qed isuq il-vettura taghha bin-numru tar-registrazzjoni SAL 012 hija kienet involuta f'incident tat-traffiku gewwa s-Siggiewi mall-vettura numru IBD 575 liema vettura kienet qed tinsaq minn Reuben Spiteri;

2. Illi ghal dan l-incident jahti biss l-intimat li kien qed isuq l-istess vettura b'mod traskurat, negligenti u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku billi saq fuq in-naha hazina tat-triq;

3. Illi b' rizultat ta' dan l-istess incident, kemm l-esponent kif wkoll it-tifla taghhom, Kimberly Spiteri sofrew danni konsidervoli u sejjrin isofri danni futuri, u dana fost ragunijiet ohra minhabba l-griehi serji li Kimberly Spiteri sofriet f'dan l-incident li wasal ghal debilita ta' natura permanenti ta' 20% kif iccertika l-ispecjalista Gordan Caruana Dingli, u dana kollu kif sejjer jigi ampjament spejgat waqt is-smigh tal-kawza;

4. Illi l-intimat ghalkemm interpellat, anki tramite l-assikurazzjoni tieghu, sabiex jaddivvjeni ghall-likwidazzjonui u hlas tad-danni baqa' inadempienti;

5. Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett ghaliex din il-Qorti ma' ghandhiex

(i) tiddikjara li l-intimat huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni imhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu,

(ii) tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti, jekk hemm bzonn premezz ta' periti nominandi, u

(iii) tikkundanna lill-intimat ihallas lill esponenti dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni flimkien mall-imghaxijet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att.

BI-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk ta' Ittra Ufficjali tal 4 ta' Marzu 2015 pprezentata kontestwalment mal-prezenti kontra l-assikurazzjoni tal-intimat, kontra l-intimat li jibqa' minn issa ingunti ghas-subizjoni

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi r-responsabilita ghall-incident stradali li jsehh fl-ghoxrin (20) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) hja respinta u kontestata.
2. Illi l-incident ma sehhx bi htija ta' Reuben Spiteri.
3. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.
4. Savi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti, ix-xiehda u r-rapporti tal-esperti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza ghad-danni ta' genituri u binthom kontra l-konvenut wara habta li sehhet fl-20 ta' Mejju 2013 bejn vetturi SAL012 proprjeta tal-atturi u vettura IBD 575 misjuqa mill-konvenut. Oltre l-hsara fil-vettura, l-attrici Kimberly Spiteri bint l-atturi soffriet ukoll hsara fizika kawza tal-incident.

Il-fatti li waslu ghal kollizjoni mhux rilevanti ghal vertenza billi l-konvenut ammetta r-responsabilta ghall-incident fir-risposta guramentata u ghalhekk irid jirrispondi ghal konsegwenzi li iggib maghha din ir-responsabilta ammessa.

Dan iwassal ghal parti tad-danni sofferti mill-attrici cioe dak maghruf bhala damnum emergens u l-lucrum cessans liema prova ta' danni mhix ammessa mill-konvenut u ghalhekk sta ghall-atturi li jippruvaw dawn id-danni. L-atturi qed jitolbu kemm damnum emergens u lucrum cessans. Jigi precizat illi fejn jirrigwarda l-lucrum cessans, dan qed jigi mitlub min Kimberly Spiteri biss li sofriet griehi permanenti. Il-Qorti tqis illi mill-atti u provi prodotti kemm rigward l-incident u l-konsegwenzi tieghu, jirrizulta pruvat illi l-incident ma kienx wiehed negligibbli u illi kemm il-vettura u kemm il-persuna ta' Kimberly Spiteri sofrew danni konsistenti ma' dak allegat. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Miriam sive Mary Anne Camilleri vs Lindsey Borg et**, (PA 11/04/2019)

> Illi dwar il-likwidazzjoni tad-danni, il-ligi trid li kull persuna twiegeb ghall-hsara li ssehh bi htija taghha (art. 1031 tal-Kap. 16), u jitqies hekk kull min f'ghemilu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja (art. 1032(2) tal-Kap. 16). Ghalhekk kull persuna li ghaliex trid, jew ghaliex naqset mill-prudenza jew diligenza, taghmel jew tonqos li taghmel xi haga li biha tikser dmir impost fuqha mil-ligi, hija obbligata thallas ghall-hsara li ssehh minhabba f'hekk, ukoll jekk dan ikun sar minghajr il-hsieb li taghmel hsara lill haddiehor (art. 1033 tal-Kap. 16); Illi l-hsara li persuna negligenti trid twiegeb ghaliha tikkonsisti (a) fit-telf effettiv li l-persuna mgarrba tbati direttament mill-eghmil; (b) fl-ispejjez minfuqin mill-persuna mgarrba biex taghmel tajjeb ghall-hsara li saritilha; (c) fit-telf ta' paga, dhul jew qligh iehor attwali; u (d) fit-telf ta' qligh li l-persuna mgarrba tbati 'l quddiem minhabba debilità dejjiema kawzata minn dak leghmil (art. 1045(1) tal-Kap. 16) ;

### Damnum emergens

Taht dan il-kap qed jigu reklamati d-danni fil-vettura tal-attur Jonathan Spiteri, telf ta' paga tal-istess Jonathan Spiteri minhabba l-incident li kellu incidenza fuq il-hajja tla-familja, spejjez medici u spejjez konnessi ma' telf soffert minhabba li Kimberly Spiteri ma setghetx tattendi fil-Qorti (fol. 183 et seq. tal-process).

Rigward il-vettura l-attur jixhed fl-affidavit tiehgu mhux oppost bl-ebda mod illi l-vettura tieghu kienet write-off wara l-incident (fol. 34 tal-process). Jidher minn dikjarazzjoni mahruga mill-assikurazzjoni tal-konvenut (fol. 204 tal-process) illi kienet lesta thallas is-somma ta' €4,000 ghall-incident bla ebda ammissjoni ta' responsabilta. L-atturi konjugi Spiteri jippretendu illi l-kumpens ghal vettura ghandu jkun ta' €4,000. Din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiddubita li dan hu l-valur tal-vettura li hi write-off.

In kwantu ghal paga mitlufa mill-attur jirrizulta mill-affidavit tal-attur u dikjarazzjoni tal-principal tieghu (fol. 190 tal-process) illi l-attur ma dahalx ghax-xoghol minn fil-ghaxija tal-20 ta' Mejju 2013 sat-22 ta' Mejju 2013 billi bint l-attur kienet l-isptar u ghalhekk tilef paga ta' €290. Ghalkemm id-dikjarazzjoni mhix guramentata, hemm ix-xiehda guramentata tal-attur dwar dan liema xiehda mhix opposta. Ghalhekk din is-somma hi dovuta wkoll bhala danni

Thallset ukoll excess ghall-claim tal-insurance fis-somma ta' €48.51 li wkoll hi dovuta bhala danni billi instab li l-konvenut hu responsabbli ghall-incident (fol. 185 tal-process).

Hemm ukoll hlasijiet medici akkompanjati minn ritratti jew dikjarazzjonijiet li jinkludu spejjez ta' dentist, tobba, sptar u spizerija kollha konnessi mal-incident ta' bint l-atturi li jidhru gustifikati u ghalhekk ghandhom jigu rimborsati. Dawn l-ircevuti jinsablu a fol. 184, 186 sa 189, 191, 194-195 u jammontaw ghal €592.45.

Saru wkoll hlasijiet konnessi ma' telf ta' mini bus tal-iskola tat-tifla billi kienet l-isptar u lezzjonijiet tal-privat li t-tifla kellha tiehu billi naqset mill-iskola minhabba l-lezjoni fizika. Ix-xiehda tal-genituri ta' Kimberly Spiteri jikkonvincu lil Qorti li dawn il-hlasijiet kienu mehtiega u ghandhom jigu rimborsati mill-konvenut. Dawn jinsabu a fol. 193, 197-203 ammontanti ghal €549.20

Il-Qorti f'dan l-istadju tirreferi ghar-rapport mediku tad-dentist Dr Jean Paul Demajo (fol. 226 tal-process) fejn iqis illi konsegwenza tal-incident Kimberly Spiteri x'aktarx ser ikollha bzonn ta' intervent ta' implant fis-snien ta' fuq liema intervent ser ikun jiswa bejn €2,500 sa €3,000. Izid li fis-snien ta' isfel ser ikun hemm bzonn root treatment li maz-zmien pero x'aktarx ser ifalli u ser ikun hemm bzonn ukoll ta' implant bhas-snien ta' fuq bl-istess spiza. Ghalkemm il-Qorti tqis illi dawn mhux interventi certi u mhux ser isiru issa, pero l-konkluzjoni tad-dentist Demajo hi fis-sens li dawn l-interventi mhux biss huma possibli izda x'aktarx ser ikunu necessarji. B'tali xiehda esperta mhix kontradetta din il-Qorti tqis li l-attrici Kimberly Spiteri ghandha tigi kumpensata f'darba wahda biss a saldu ta' kull intervent li jista jkun necessitat mill-incident fis-somma ta' €5,000. In kwantu ghal hlas ta' €125 imsemmi fir-rapport

ta’ Dr Demajo, dan gia gie kumpensat aktar il-fuq f’din is-sentenza (fol. 194 tal-process).

Ghalhekk bhala damnum emergens il-Qorti tqis li hi dovuta s-somma ta’ €10,480.16.

**Lucrum cessans**

In kwantu ghal din il-parti tal-azzjoni jirrizulta illi meta sehh l-incident Kimberly Spiteri kellha erbatax-il sena. Hi u miexja il-kawza, Kimberbly Spiteri saret maggorenni u qed tistudja biex issir nurse (ara xiehda 28 ta’ Settembru 2017 u ittra mahruga mill-Universita ta’ Malta fl-2017 li accettat lil Kimberly Spiteri ghal course ta’ Higher Diploma in Health Science in Nursing Studies fil-fakulta tal-health sciences. Kif qalet il-Qorti fil-kawza gia citata **Camilleri vs Borg et**,

> Illi l-kejl tal-kumpens ghal telf ta’ qligh fil-gejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment igib mieghu zvantagg li jissarraf f’telf ta’ opportunità ghall-vittma li, kieku ma kienx ghall-incident, kienet tkun eligibbli ghalihom;

Fil-kaz tallum l-attrici Kimberly Spiteri ghandha tigi kumpensata ghat-tbatija li ser ikollha mill-inkapacita permanenti li garrbet bl-incident nonostante li hi ser tkompli bl-istudji li ser iwassluha b’mod probabbli ghal vokazzjoni ta’ nurse pero bil-limitazzjoni li b’dizabilita permanenti ser iggib maghha. Hemm erba’ rapporti ta’ esperti medici gudizjarji, oltre tad-dentist Dr Demajo li dwaru saru gia l-konkluzjonijiet fil-parti dwar id-demnum emergens. Hemm rapport ta’ Mr. Carmel Sciberras li ma sab ebda dizabilita permanenti mill-ksur li garbet (fol. 212 et seq. tal-process); hemm rapport ta’ Dr Anthony Galea Debono li ezaminha rigward l-ugiegh fir-ras kawza tal-incident u stima dizabilita permanenti newrologika ta’ 7% (fol. 267 et seq. tal-process); hemm ir-rapport tal-espert psikjatriku Dr Etienne Muscat li ezamina l-istat mentali ta’ Kimberly Spiteri b’konsegwenza tal-incident u ikkonkluda li qed issofri minn ansjeta u stima li din titraduci ruhha f’dizabilita ta’ 3% (fol. 275 et seq. tal-process); hemm ir-rapport ta’ Mr Matthew Borg, plastic surgeon li wara li ezamina lil Kimberly Sptieri stima dizabilita permanenti fil-wicc ta’ 9%.

Il-Qorti tirreleva illi fl-ewwel lok, jirrizulta li d-dizabilita kollha li sabu l-esperti nominati mill-Qorti ma kienux il-kawza jew ikkontribwew ghal xi pre existing medical condition izda rizultat tal-incident. Kemm il-file tal-isptar esebiet u anki ix-xiehda ta’ Dr Eugenio

Azzopardi, tabib pedjatra li kien ra lil Kimberly Spiteri fuq kwistjoni relatata mill-incident juru dan.

Ghalkemm Kimberly Spiteri ma kinitx ghadha tahdem pero ma jfissirx li ma hemmx telf. Kimberly Spiteri kellha erbatax-il sena meta kellha l-incident u fiz-zmien li xehdet kienet ser tibda kors li ser iwassalha ghal diploma ta' nurse. Il-Qorti tqis illi ghalhekk ghal fini ta' qliegh il-Qorti ghandha tiehu paga ta' nurse b'diploma li tidhol fis-servizz fi grad 12 li skont id-dokument esebit a fol. SRS1 a fol. 232 tal-process kienet ta' €16,494. Meta tqis illi Kimberly Spiteri ghandha hajja normali lavorattiva quddiemha sa ma tasal ghal eta pensjonabbli u l-incident sehh meta kellha erbatax-il sena pero ma jidhirx li sallum ghadha bdiet tahdem, il-Qorti qed tieghu bhalal multiplier 30 sena servizz fl-isfond tal-principju li l-Qorti ghandha tirrintegra kemm jista' jkun dak li garrab il-hsara. Billi hemm dan it-tul ta' zmien u l-paga toghla tul iz-zmien skont iz-zidiet tal-gholi tal-hajja moghti mill-Gvern, il-Qorti ser izid il-paga ghal €18,500 fis-sena.

Il-kwistjoni dwar id-dizabilita sofferta trid titqies mhux billi jinghaddu l-percentwali ta' dizabilita meqjusa mill-espert medici gudizjarji izda billi jittiehed 'weighted average' tad dizabilitajiet kollha riskontrati cioe dawk newrologici, psikologici, u kirurgija plastika, li flimkien jammontat ghal 19%. Dan il-kuncett ta' 'weighted average' hu intiz biex isib balanc jew medja ta' dizabilita wahda ghal gisem fl-intier tieghu altrimenti wiehed jista' jkollu diversi opinjonijiet medici b'dizabilitajiet li bejniethom jissuperaw il-100%. In oltre jrid jittiehed kont li dizabilita tista' tirkeb fuq ohra bhal ma huma f'dan il-kaz id-dizabilita newrologika u dik psikologika. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti ser tuza l-medja ta' 5% bhala dizabilita permanenti.

B'hekk il-lucrum cessans ta' Kimberly Spiteri jammonta ghal €18,500 x 30 x 5% = €27,750.

It-tnaqqis ghal lump sum payment li solitament hu ta' 20% mhux ser jigi ridott f'dan il-kaz. Din il-Qorti tistrieh fuq is-sentenza **Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe** deciza fil-5 ta' Ottubru 1995 fejn gie deciz illi fl-ewwel tlett snin tal-kawza ma jkunx hemm tnaqqis izda ghal kull sena sussegwenti jitnaqqas 2% ghal kull sena.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi illi l-atturi bejniethom u solidament sofrew is-somma ta' €10,480.16 damnum emergens u ta' €27,750 lucrum cessans b'kollox €38,230.16.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara lil Reuben Spiteri responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fl-20 ta' Mejju 2013. Konsegwentement tikkundanna lil konvenut ihallas lil atturi in solidum id-danni kollha kagonati u likwidati favurihom fis-somma ta' €38,230.16, bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut u bl-imghax li jiddekorri mid-data tas-sentenza.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur